REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 780/2009

tas-27 ta' Awwissu 2009

li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej (S.Ħ.O.)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat is-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej stabbilita mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-kumitat tal-esperti stabbilit mill-paragrafu 2 tal-Artikoli msemmijin,

Billi:

(1) L-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej stabbilixxew rispettivament il-kundizzjonijiet biex jingħata benefiċċju tal-qgħad lill-ex ħaddiem temporanju u lill-ex ħaddiem kuntrattwali li jsib ruħu bla xogħol wara li jiġi tterminat is-servizz tiegħu ma' istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

(2) Huwa f'idejn il-Kummissjoni biex tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-Artikoli msemmijin.

(3) Għandu jiġi żgurat li l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali jkun jissodisfa l-obbligi previsti mil-leġislazzjoni li japplikaw is-servizzi kompetenti tal-post fejn joqgħod daqslikieku kien persuna li tirċievi l-benefiċċji tal-qgħad skont dik il-leġiżlazzjoni.

(4) Ir-relazzjonijiet bejn il-benefiċjarji u s-servizzi amministrattivi, minn naħa, u bejn is-servizzi nazzjonali u dawk Komunitarji, min-naħa l-oħra, għandhom ikunu msejsa fuq il-ħsieb li jiġu ssimplifikati l-proċeduri.

(5) It-tisħiħ tal-effikaċità tal-koperazzjoni bejn is-servizzi nazzjonali kompetenti fejn jidħlu x-xogħol u l-qgħad u l-Kummissjoni jiddependi b'mod partikulari fuq l-iskambju elettroniku ta' informazzjonijiet notament fil-qafas tal-proġett EESSI (Skambju Elettroniku tal-Informazzjoni fil-qasam tas-Sigurtà Soċjali),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Biex jibbenefika mill-benefiċċju tal-qgħad previst fl-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem S.Ħ.O.), l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali ta' dawn il-Komunitajiet, li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-Artikoli msemmijin, huwa obbligat iwettaq il-formalitajiet li ġejjin:

(1) jippreżenta dikjarazzjoni lill-istituzzjoni tal-Komunitajiet li kien jagħmel parti minnha, fi żmien tmint ijiem li jibdew jgħoddu mid-data ta' meta jieqaf jaħdem ma' dik l-istituzzjoni, li fija jistqarr:

(a) li jinsab bla xogħol wara din it-terminazzjoni tas-servizz;

(b) li hu residenti jew li stabbilixxa r-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunitajiet;

(c) il-post u l-indirizz fejn joqgħod;

(2) u

(a) jirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol ma' servizzi kompetenti tal-impjiegi tal-post fejn joqgħod, mill-aktar fis possibbli u l-iktar tard fi żmien tletin jum li jibdew jgħoddu mit-terminazzjoni tas-servizz tiegħu ma' istituzzjoni tal-Komunitajiet;

(b) meta jkun hemm leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi benefiċċji tal-qgħad, jagħmel talba biex jiksibhom mis-servizz jew istituzzjoni kompetenti tal-post fejn joqgħod, mill-aktar fis possibbli u l-iktar tard fi żmien tletin jum li jibdew jgħoddu mit-terminazzjoni tas-servizz tiegħu ma' istituzzjoni tal-Komunitajiet;

(3) fil-mument tar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, punt a), jippreżenta l-attestazzjoni mpoġġija għad-dispożizzjoni tiegħu mill-istituzzjoni tal-Komunitajiet li kien jagħmel parti minnha, lis-servizzi tal-impjiegi msemmija aktar 'il fuq, li mingħajr dewmien jimlewha u, għall-inqas, jimlew is-sezzjoni li tiċċertifika r-reġistrazzjoni tal-interessat bħala persuna li qed tfittex xogħol. Minflok l-attestazzjoni, li l-mudell tagħha huwa anness ma' dan ir-Regolament, tista' ssir komunikazzjoni ssimplifikata, trażmessa nghidu aħna elettronikament, b'soġġezzjoni għal ftehim bejn il-Kummissjoni, li tidher f'isem l-istituzzjonijiet kollha tal-Komunitajiet, u s-servizzi nazzjonali kkonċernati;

[1] ĠU L 56, 4.03.1968, p. 1. Ir-Regolament kif immodifikat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 420/2008 (ĠU L 127, 15.5.2008 p. 1).

(4) jgħaddi mill-ewwel l-attestazzjoni mimlija b'dan il-mod lill-istituzzjoni tal-Komunitajiet li kien jagħmel parti minnha;

(5) joqgħod għall-obbligi u għall-kontrolli imposti mil-leġislazzjoni applikata mis-servizzi kompetenti tal-post fejn joqgħod fuq dawk li jfittxu x-xogħol u fuq dawk li jieħdu l-benefiċċji tal-qgħad jew benefiċċji oħrajn tal-istess natura;

(6) u

(a) mit-tieni xahar kalendarju wara dak tar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jippreżenta, fil-bidu ta' kull xahar, formola ta' attestazzjoni lis-servizzi tal-impjiegi u, jekk ikun il-każ, waħda tal-qgħad tal-post fejn joqgħod, li għandhom jiċċertifikaw b'dan il-mod, mill-iktar fis possibbli:

— jekk ikunx irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol u jekk talabx li jieħu l-benefiċċji tal-qgħad jew benefiċċji oħrajn tal-istess natura b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-post fejn joqgħod,

— jekk ikunx issodisfa l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 5,

— jekk ikollux id-dritt għal benefiċċji tal-qgħad jew għal benefiċċji oħrajn tal-istess natura u, jekk iva, liema huma l-ammont tagħhom u t-tul ta' żmien li għalih jingħataw;

(b) fi żmien ħmistax-il jum li jibdew jgħoddu mill-ħruġ tal-attestazzjoni msemmija fil-punt a), li l-mudell tagħha huwa anness ma' dan ir-Regolament, jgħadduha lill-istituzzjoni tal-Komunitajiet li kien jagħmel parti minnha li tgħaddiha minnufih lill-Kummissjoni. Minflok l-attestazzjoni tista' ssir komunikazzjoni ssimplifikata, trażmessa ngħidu aħna elettronikament, b'soġġezzjoni għal ftehim bejn il-Kummissjoni, li tidher f'isem l-istituzzjonijiet kollha tal-Komunitajiet, u s-servizz tal-impjiegi kkonċernat.

Artikolu 2

L-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali huwa marbut li jgħarraf minnufih lill-istituzzjoni li kien jagħmel parti minnha u lill-Kummissjoni b'kull bidla fis-sitwazzjoni tiegħu jew f'dik tal-membri tal-familja tiegħu li jkollha impatt fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-S.Ħ.O.

Artikolu 3

Anki jekk ikun tilef kull dritt għall-benefiċċji nazzjonali minħabba l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali huwa mitlub jibqa' jissottometti ruħu għall-obbligi u għall-kontrolli previsti għal min jieħu dawn il-benefiċċji biex jibqa' jkollu l-jedd għall-benefiċċju previst fl-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-S.Ħ.O.. Bl-istess mod, is-servizzi kompetenti tal-post fejn ikun joqgħod huma mitluba jkomplu jimponu fuqu dawn l-obbligi u dawn il-kontrolli.

Artikolu 4

Kull darba li l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali, wara li jkun lesta l-formalitajiet imsemmijin fl-1[el] Arikolu fi Stat Membru, jistabbilixxi r-residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor, matul il-perjodu meta jkun qed jieħu l-benefiċċju tal-qgħad previst fl-Artikolu 28 (a), paragrafu 4, u fl-Artikolu 96, paragrafu 4, tas-S.Ħ.O., għandu jirreġistra fi żmien mhux aktar minn tletin jum bħala persuna li qed tfittex xogħol fil-pajjiż tar-residenza l-ġdida tiegħu u jwettaq il-formalitajiet elenkati fl-1[el] Artikolu.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 91/88 tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Jannar 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 28a tal-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-impjegati l-oħrajn, [1] huwa mħassar.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Siim KALLAS
Viċi President

[1] ĠU L 11, 15. 1. 1988, p. 31.

ANNESS

IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

FORMOLA KE – EĦTK [1]

ATTESTAZZJONI LI TIKKONĊERNA R-REĠISTRAZZJONI BĦALA PERSUNA LI QED TFITTEX XOGĦOL/QIEGĦDA U D-DRITT GĦALL-BENEFIĊĊJI TAL-QGĦAD TA' EX ĦADDIEM TEMPORANJU JEW KUNTRATTWALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ.

[L-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej]

1.	Istituzzjoni destinatarja tal-Komunitajiet Ewropej
	.....

2.	Dettalji dwar l-ex ħaddiem tal-Komunitajiet Ewropej
2.1.	Kunjom: .....
2.2.	Isem: .....
2.3.	Indirizz ta' fejn toqgħod: .....
	.....

Taqsima A – Reġistrazzjoni u kontroll

3. B'dan huwa ċċertifikat li l-persuna indikata hawn fuq:

3.1. ☐ irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol/qiegħda nhar (jj/xx/ssss) __/__/____ mas-servizzi tal-impjiegi ta' .....

3.2. ☐ baqgħet irreġistrata bħala persuna li qed tfittex xogħol/qiegħda minn __/__/_____ sa __/__/_____

☐ mhix suġġetta għall-obbligi previsti mill-legiżlazzjoni nazzjonali minn __/__/____ sa __/__/____

Ġustifikazzjoni: .....

.....

4.	Istituzzjoni nazzjonali li tagħti l-attestazzjoni (taqsima A)
4.1.	Isem: .....
4.2.	Indirizz: .....

4.3. Timbru:	4.4. Data:
	4.5. Firma:

(1) KE: Komunitajiet Ewropej
EATK: ex aġent temporanju jew kuntrattwali

Taqsima B – Talba għall-benefiċċji tal-qgħad

5. B'dan huwa ċċertifikat:

5.1. ☐ li l-persuna msemmija fil-kaxxa 2 ippreżentat talba għall-benefiċċji tal-qgħad fid-data __/__/____

5.2. ☐ li din it-talba qed tkun eżaminata

6. Il-persuna msemmija fil-kaxxa 2:

6.1. ☐ m'għandhiex id-dritt għal benefiċċji tal-qgħad

Ġustifikazzjoni: .....

.....

6.2. ☐ għandha dritt għal benefiċċji tal-qgħad jew għal benefiċċji oħrajn tal-istess natura

6.2.1. minn __/__/____ sa __/__/____

6.2.2. għal … jiem

6.2.3. għal ammont gross ☐ kuljum ☐ kull ġimgħa ☐ kull xahar ta': .....

6.2.4. Il-kalkolu tal-ammont tal-benefiċċju ta' kull xahar huwa bbażat fuq:

☐ jiem kalendarji

☐ 5 ijiem tax-xogħol fil-ġimgħa

☐ 6 ijiem tax-xogħol fil-ġimgħa

6.2.5. L-għadd ta' jiem imħollijin barra mill-benefiċċju (btajjel pubbliċi, lif, oħrajn) fil-perjodu kkonċernat huwa ta':

6.2.6. L-ammont nett tal-benefiċċju mħallas għax-xahar ikkunsidrat: .....

7. Il-pagament tal-benefiċċji ġie:

7.1. ☐ sospiż minn __/__/____ sa __/__/____

Ġustifikazzjoni: .....

.....

7.2. ☐ imwaqqaf

Ġustifikazzjoni: .....

.....

8. Għat-tieni xahar ta' kontroll u għax-xhur ta' wara:

☐ b'dan huwa ċċertifikat li l-persuna msemmija fil-kaxxa 2 m'għandhiex id-dritt għall-benefiċċji nazzjonali u li mhemm l-ebda tibdil x'wieħed jirrapporta mill-attestazzjoni tax-xahar li għadda.

9. Istituzzjoni nazzjonali li tagħti l-attestazzjoni (taqsima B) 9.1. Isem: ..... 9.2. Indirizz:	
9.3. Timbru	9.4. Data: __/__/____
	9.5. Firma: .....

ISTRUZZJONIJIET GĦAL MIN JUŻA L-FORMOLA

(Il-formola għandha timtela b'ittri kbar u għandek tikteb biss fuq il-linji bit-tikek.)

A. **Istruzzjonijiet għas-servizzi tal-Komunitajiet Ewropej**

(1) Is-servizz kompetenti tal-istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej li fiha l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali wettaq l-attivita tiegħu għandu jimla l-kaxxi 1 u 2.

(2) Is-servizz għandu jagħti ħames kopji tal-formola mimlijin b'dan il-mod lill-ex ħaddiem temporanju.

B. **Istruzzjonijiet lis-servizzi nazzjonali**

(1) Waqt ir-reġistrazzjoni tal-persuna li tkun qed tfittex xogħol, l-istituzzjoni nazzjonali kompetenti għandha timla għall-inqas il-parti 3.1, il-kaxxa 4 u l-parti 5 tal-formola li l-ex ħaddiem temporanju jew kuntrattwali għandu jippreżentalha. L-ex ħaddiem għandu jibgħat il-formola mimlija b'dan il-mod lill-istituzzjoni destinatarja tal-Komunitajiet Ewropej imsemmija fil-kaxxa 1.

(2) Sussegwentement, hi għandha timla kull xahar, għall-inqas il-parti 3.1, il-kaxxa 4 u l-parti 5 msemmijin hawn fuq, kif ukoll il-partijiet l-oħrajn, skont il-każ.

C. **Istruzzjonijiet għall-ex ħaddiem tal-Komunitajiet Ewropej**

Biex tieħu l-benefiċċju tal-qgħad previst fl-Artikoli 28 (a) paragrafu 2, subparagrafu 3 u 96 paragrafu 2, subparagrafu 3 tas-sistema applikabbli għall-ħaddiema l-oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej,

għandek:

(1) qabel tmiem ix-xahar ta' wara l-waqfien mill-attività tiegħek bħala ħaddiem temporanju jew kuntrattwali, tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol/qiegħda fis-servizzi tal-impjiegi tal-Istat Membru fejn tistabbilixxi r-residenza tiegħek;

(2) toqgħod għall-obbligi previsti fil-qasam tal-qgħad mill-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn int irreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol/qiegħda;

(3) tippreżenta kopja tal-formula lill-uffiċċju nazzjonali, meta tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol/qiegħda u, sussegwentement, darba fix-xahar, biex jimlewhielek (il-punt B hawn fuq);

(4) tippreżenta l-formola mimlija b'dan il-mod lill-istituzzjoni destinarja (il-kaxxa 1).